SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 33/2021

23 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-8.00 a.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul – Kunsillier

Liam Sciberras – Kunsillier

Skużata:

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Uffiċċjal Preżenti

Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

32.1. **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku Charmaine St John qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Kylie D'Amato. Hija ġiet skużata mil-laqgħa.

32.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 32-2021**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 32-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

32.2.1 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk kienx hemm update rigward ref punt 32.2 para 4 (pjanti minn Parks Malta). Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill kien talab għal pjanti iżda sa issa l-Kunsill ma kien irċieva xejn.

32.2.2 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li tajjeb li l-Kunsill ikun jaf is-*Schedule* ref punt 32.2 para 3 (servizz tal-Knis).

32.2.3 Il-Viċì Sindku s-Sur Frederick Cutajar staqsa jekk il-Kunsill kienx ħareġ l-offerti għax-xiri tal-Van. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet id-dokumenti lid-Dipartiment.

33.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 33-21 għal perjodu bejn id-29 ta' Settembru, 2021 sa l-20 ta' Ottubru, 2021 u minn ċekk numru BOV 8372 sa ċekk numru BOV 8375 u minn Bank Transfer 231/21 sa 257/21.

33.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

33.4.1 **Community Police**

Is-Sindku Charmaine St John spjegat li l-Community Police kienu għadhom ma bdewx f'Santa Luċija u tat rendikont sħiħ kif kienet ser tibda taħdem is-sistema. Hija qalet li waqt l-aħħar laqgħa li kellha mal-Community Policing kienu wrew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Kunsill kollu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiltaqgħu nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru, fis-6:00pm.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ssuġerixxa li l-boroż tal-iskart quddiem il-blokk fi Triq Katarina Vitale jibda jinġabar minn post wieħed biss minflok minn żewġ postijiet filwaqt li l-bankina li hemm fi Triq il-Lellux titħalla għal skart reċiklat biss (borza ħadra) u minn Ġnien is-Sinbjożi jinġabar l-*organic* u *waste* biss (borża bajda u sewda). Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu jgħaddi dan is-suġġeriment lil Community Policing sabiex jinfurmaw lir-residenti. Il-Kunsill qabel ukoll li s-siġra li hemm fi Triq San Piju X għandha tinżabar sabiex ikun hemm aktar spazju fejn jitpoġġa l-iskart.

33.4.2 **Fun Run**

Is-Sindku Charmaine St John spjegat kif kienet ser taħdem is-sistema sabiex issir il-Fun Run nhar il-Ħadd 21 Novembru. Il-Kunsill iddiskuta u qablu fuq il-mizuri li kellhom jittieħdu waqt il-Fun Run minħabba l-Covid-19.

33.4.3 **Triq il-Pensjeri**

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni sabiex isiru l-gutters tan-naħa ta' isfel ta' Triq il-Pensjeri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-kwotazzjoni bl-ammont ta' 725 + Vat u qablu ukoll li l-Kunsill għandu jgib kwotazzjoni sabiex isiru l-gutters quddiem Block D ukoll.

33.4.4 **Tiżjin tal-Milied**

Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill li t-tiżjin bil-globi fi Trejqet Ibisku kellu jibda. Hija qalet li l-Kunsill kien irċieva offerta waħda biss sabiex isir it-tiżjin tal-Milied madwar ir-raħal għal prezz ta' 4,500 Euros. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-kwotazzjoni. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kellu jirċievi l-ammont ta' 1,000 Euros għal din l-inizjattiva minn naħa ta' Reġjun Nofsinhar.

33.4.5 **Globi fi Triq Inez Soler**

Is-Sindku spjegat li kienet ikkuntatjat lil Ambjent Malta sabiex minflok nixtru l-globi li konna ssottomettejna fl-applikazzjoni nixtru globi orħos sabiex inkunu nistgħu nixtru numru akbar ta' globi. Hija spjegat li Ambjent Malta ma kienux isibu oġġezzjoni għal din il-proposta.

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni tal-fanali u l-Kunsill qabel li bl-istess fondi jinbiddlu l-fanali li hemm fil-bandli kif ukoll li hemm quddiem il-Convenience Store f'Dawret it-Torri

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul ssugerixxa ukoll li tinbidel il-bracket li hemm tal-led's quddiem il-convenience store ukoll. Il-Kunsill qabel.

33.4.6 **Cat Houses**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ordna li ssir platform għal taħt il-*cat houses*. Hija spjegat li għalkemm il-Kunsill ilu li għamel it-talba biex issir din il-platform, il-kuntrattur baqa' ma għamilx ix-xogħol wara xhur sħaħ nippruvaw nikkuntatjawh, għalhekk qalet li kienet qed tissuġerixxi li nagħtu x-xogħol lil kuntrattur tal-Kunsill li jieħu ħsieb it-toroq u bankini. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qajjem il-punt tal-fondi tal-LC Care u saret diskussjoni rigward ix-xiri tal-ikel għal qtates. Il-Kunsill qabel li jekk inhu possibbli nippruvaw inġibu estenzjoni oħra u nipruvaw ukoll nagħmlu *change request* tal-items li konna applikajna għalihom.

33.4.7 **Ġieħ Santa Luċija**

Is-Sindku qalet li peress li kien fadal ftit taz-żmien minn meta konna ser niċċelebraw Ġieħ Santa Luċija, il-Kunsill kien għadu fiċ-ċans li jibgħat avviż lir-residenti sabiex min jixtieq ikun jista' jinnomiina lil xi persuna/i. Is-Sindku ssuġġerixxiet li l-Kunsill jiltaqa' wara l-laqgħa mal-Community Police minflok tiġi skedata ġurntata oħra. Il-Kunsill qabel.

33.4.8 **Performance Report Ħaddiem CWSEF**

Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill, li flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien ser jiġi diskuss l-performance tal-Haddiema tal-CWSEF sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-bonus. Il-Kunsill qabel.

33.4.9 **Użu Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku ssuġġerixxiet li l-NGO's, Kandidati Politiċi u Politikanti meta jagħmlu użu minn Ġnien is-Serenita' għandhom jibdew iħallsu nofs prezz jigifieri €125 minflok 250 apparti l-ħlas sabiex isir it-tindif. Il-Kunsill qabel.

33.4.10 **Free Kung Fu Class**

Is-Sindku ressqet talba sabiex jibdew isiru klassijiet tal-Kung Fu b'xejn fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li jistgħu jagħmlu użu ta Ġnien is-Serenita' bla ħlas la l-klassijiet mhux ser isiru bi ħlas.

33.4.11 **Użu ta Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku ressqet talba sabiex id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jagħmlu użu mit-tea room nhar l-Erbgha 3 ta' Novembru, 2021. Il-Kunsill qabel.

33.4.12 **Kuntratt Drip Irrigation**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li jekk il-Kunsill ma kienx ser imexxi fuq ix-xogħolijiet sabiex isir id-drip irrigation il-Kunsill kien ser ikollu jħallas lura l-flus li kien ibbenefika mid-Dipartiment. Hija qalet li la ma setax isir id-drip irrigation fil-Ġnien, il-Kunsill ma kellux alternattiva oħra ħlief li jibdel il-post. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li nbiddlu l-location għal Jogging Track.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-water fountains li hemm fil-jogging track u qabel li għandna nibaghtu lil Infrastructure Malta sabiex jagħmlu r-reinstatements tal-connections u l-ħaddiema tagħna jnaddfu l-water fountains. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku stiednet lill-Viċi Sindku sabiex it-Tnejn ta' wara l-Kunsill jingħaqad magħha għal laqgħa li kellha ma rappreżentanti ċinizi fejn kien ser jiġi diskuss ir-refurbishment tal-Ġnien.

Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li xtaq iwassal ilment li Triq il-Ġibjun ma kienx qed jinkines u li l-Kuntrattur ma kienx qed jimxi skond is-schedule. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibagħtu lill-Contracts Manager.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ressaq ilment li l-bankina fi Triq il-Prinjoli saret bit-tarmak u dan ma kienx aċċettabbli. Il-Kunsill iddiskuta diversi punti fosthom il-periku li kien inħoloq f'din iż-żona. Il-Kunsill qabel li għandna nżommu lill-Infratructure Malta

responsabbli jekk isir xi inċident u nitolbuhom sabiex ituna kif kien ser jiġi t-Traffic Management.

33.5 **Ħatra ta' Uffiċċjal Eżekuttiv Full time (Skala 13)**

Is-Sindku qalet għas-Sejħa ta' Uffiċċjal Eżekuttiv Full Time kienu daħlu żewġ applikazzjonijiet li t-tnejn kienu eligibbli. Hija spjegat li kienu saru l-interviews u fuq suggeriment tal-bord tissugerixxi li jintgħazel l-applikant li ġab l-aktar punti. Il-Kunsill qabel.

33.6 **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

33.6.1 Is-Sindku ressqet mistoqsija tal-Kunsillier Dr Liam Sciberras **f**ejn kien qiegħed jitlob id-dettalji tas-schedule tal-*community policing*. Is-Sindku qalet li l-laqgħa tal-Kunsill mal-Community Police kienet ser isservi sabiex kulħadd ikollu stampa aħjar ta' kif ser tibda taħdem din is-sistema.

33.6.2 Is-Sindku ressqet mistoqsija tal-Kunsillier Dr Liam Sciberras fejn staqsa rigward il-possibbilita' li fil-lokalita' ta' Santa Luċija jkun hawn ukoll il-water fountains li qed isiru mal-bliet u rħula Maltin. Is-Sindku qalet li kienet staqsiet is-CEO tal-Ministru li kkonferma li kien ser jiccekja jekk hux ser isiru u jekk fl-affermattiv meta.

33.6.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Fredereick Cutajar staqsa jekk il-kameras fi Triq il-Begonja kinux qed jagħtu fuq il-bring in sites. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ser jiċċekkja mal-Lesa.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li l-kamera ma kinitx qed tieħu ritratti huma u jwaddbu pero' ir-ritratti kienu qed jittieħdu huma u deħlin fil-karozza u ssugerixxa ukoll li t-toqba minn fejn jitfgħu l-materjal kienet żgħira wisq u qal li għandha titwessa'.

33.7 **Rapport Finanzjarju għas-sena 2020**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji tas-sena 2020 lis-Sindku u l-Kunsillier kollha. L-Accountant spjegat il-Financial Statements lill-Kunsill. Il-Kunsill approva dawn il-Financial Statements għas-sena 2020.

33.8 **Rapport Finanzjarju għal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-30 ta' Ġunju 2021**

L-Accountant tal-Kunsill ressqet t-tieni kwart tal-Quarterly Financial Statements Q2 Jannar – Ġunju, 2021. Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

33.9 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fl-10.30am. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru, 2021 fil-5:30pm. Konfermati llum il-___________, ta' ___________2021.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |